# Robert Samut



Hija ħaġa naturali li meta niltaqgħu ma' xi ħaġa ta' spiss, jew li ta' spiss nagħmlu l-istess affarijiet, tant nieħduhom, kif jgħidu l-Ingliżi *FOR GRANTED* jew tant naċċettawhom, li ftit jew xejn nagħtu każ xi jkun hemm wara dawn l-affarijiet, jew aħjar kif ikunu oriġinaw. Minn tfulitna, kif għadu jsir sal-ġurnata tal-lum, konna ninġabru fil-bitħa ta' l-iskola, filgħodu, qabel nidħlu għal-lezzjonijiet, u għall-mużika, kultant imbenġla, fuq xi *tape recorder*, it-tfal kollha flimkien inkantaw l-Innu Malti. Kienu żminijiet sbieħ li jħallulna memorji ferrieħa.

Illum ippermettuli nressaq quddiemkom ftit informazzjoni fuq Robert Samut, personaġġ li jinteressa lill-Maltin kollha minħabba li kiteb il-mużika ta' l-Innu Nazzjonali Malti. Twieled il-Floriana fis-17 ta' Ottubru, 1869 u miet f'Tas-Sliema fis-26 ta' Mejju, 1934. Wara li bħala tifel attenda l-Iskola Primarja tal-Floriana, huwa daħal l-Università ta' Malta u għażel il-kors tal-mediċina minn fejn iggradwa bħala tabib. Dan ma kienx kollox għaliex wara l-gradwazzjoni kompla l-istudju tiegħu f'Edinburgh, l-Iskozja. Matul ħajtu serva f'ħafna karigi differenti, għax minkejja li bħala professjoni kellu l-mediċina, u jingħad li kien tabib b'qalb tad-deheb, kien ukoll Kurunell. Fuq kollox kien iħobb ħafna l-mużika u kien jagħmel parti minn orkestra tad-dilettanti.

Robert Samut, iben Joseph Sammut u M'Anna née Darmanin, kellu ħuh għaxar snin akbar minnu u l-kurżità hi li filwaqt li l-kunjom Sammut insibuh jinkiteb b'żewġ "m"ijiet, dak ta' Robert u ħuh Achille nsibuh b'"m" waħda jiġifieri Samut. Ta' min jgħid hawnhekk li fir-reġistru tal-magħmudijiet li hemm fil-parroċċa tal-Floriana, jidher li kunjom Robert ġie miktub bl-"m" irduppjata, jiġifieri Sammut. Robert ġie wkoll mogħti l-ismijiet ta' Joseph, Benedict, Anthony u Publius.

Id-dar fejn twieled Robert Samut, hija magħrufa bħala *CASA LEONE* li llum tinsab f'idejn ditta privata u qiegħda fil-pjazza Robert Samut li naturalment ġiet imsemmija ad unur tiegħu. Wieħed jista' jara din id-dar faċċata tal-Klinika tal-Gvern. Qabel din il-pjazza kienet iġġib l-isem ta' *Granaries Square*.

Matul is-sena skolastika 1922/23 id-Direttur ta' l-Iskejjel Primarji Dr. A.V. Laferla kien sab biċċa mużika li kienet komposta minn Robert Samut u għaddieha lil Dun Karm Psaila, qassis u poeta magħruf ħafna, u talbu biex jikteb il-lirika għaliha bil-ħsieb li jagħmlu innu għat-tfal ta' l-iskola. Ġara però li waqt li kien qed jikteb il-lirika, Dun Karm iddeċieda li l-aħjar ħaġa kien li jikteb innu b'forma ta' talba lil Alla biex jgħaqqad il-Maltin u jnaqqas il-firda bejn il-partiti politiċi li kienet diġà bdiet tbaqbaq. Bil-mużika qawwija ta' Robert Samut u l-kliem meqjuż ta' Dun Karm, li aktar tard sar il-Poeta Nazzjonali Malti, dak l-innu ġie magħżul bħala l-Innu Malti fis-sena 1945 wara li kien indaqq għall-ewwel darba fit-3 ta' Frar, 1923 fit-Teatru Manoel, il-Belt.

Qegħdin inġibulkom il-kliem ta' dan l-innu għax xieraq li kulħadd ikun jaf sewwa dan l-Innu Nazzjonali tagħna.

## *L-Innu Malti*

Lil din l-art ħelwa, l-Omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist,
Ftakar li lilha bil-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-sid, is-saħħa lill-ħaddiem:
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-Sliem.

(Mużika: **Robert Samut**, Kliem: **Dun Karm Psaila**)